

# Il-Gastri tal-Ġużeppini

## *1937-2017*
## *80 anniversarju mill-inawgurazzjoni ta' tmien gastri tal-fidda irregalati mis-Soċjetà San Ġużepp u partitarji Ġużeppini għal mal-vari ta' San Ġużepp u Santa Marija*

**Paul Buttigieg**

Meta fis-sena 1932 waslet fir-raħal tagħna l-istatwa l-ġdida ta' San Ġużepp dik li llum hemm preżenti fil-knisja tal-Għaxqin, għax kien inħass il-bżonn li tinbidel mal-istatwa l-oħra, dik ta' San Ġużepp (ix-xiħ) li kienet l-ewwel statwa fil-knisja Għaxqija, il-Kumitat tas-Soċjetà Ġużeppina flimkien mal-partitarji, mill-ewwel ħass il-bżonn li tibda l-ħidma biex din l-istatwa tkun kompluta minn kollox u ma jkun jonqosha xejn.

Peress li ma kienx possibbli li għal din l-istatwa l-ġdida jintuża l-pedestall u l-bradella tal-istatwa l-antika ta' San Ġużepp (ix-xiħ), il-kumitat ta' dak iż-żmien tas-Soċjetà San Ġużepp, mill-ewwel kien ħa l-inizjattiva u kellem lill-artist Karmelo Tonna u kkonsenjalu l-inkarigu biex jagħmel id-disinn għall-pedestall u l-bradella għal din l-istatwa l-ġdida. Fil-fatt insibu li l-ewwel li sar u ġie maħdum kien il-pedestall li hemm fil-preżent taħt din l-istatwa. Iżda meta ġie biex jinħareġ il-permess minn naħa tal-kurja għall-bradella ġdida, dan ma setax isir peress li l-istatwa tal-Assunta li hija l-Patruna, kellha bradella komuni u ordinarja u ma kellhiex il-bradella bħal dik il-bradella l-ġdida li riedu jagħmlu l-partitarji Ġużeppini għall-istatwa ta' San Ġużepp.

B'hekk dan il-permess qatt ma nħareġ u kien hemm stennija ta' ħamsa u sebgħin sena sabiex din il-ħolma setgħet titwettaq u ssir realtà. Kienet is-sena 2008, fuq l-inizjattiva u l-ħidma tal-Kappillan preżenti Kanonku Dun Mario Said flimkien mal-fratellanza ta' San Ġużepp u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp, li żżanżnet din l-ewwel bradella għar-raħal tagħna fil-knisja tal-Għaxqin fuq l-istess disinn oriġinali ta' Carmelo Tonna. Din il-bradella nħadmet u ġiet imħallsa mis-soċi u partitarji Ġużeppini Għaxqin. B'hekk b'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li għandna waħda mill-isbaħ bradelli kif tixraq lill-Patrun Universali.

### Is-Sena 1936-1937

Wara li l-kumitat tas-Soċjetà San Ġużepp kien ra li d-disinn tal-pedestall u tal-bradella ntgħoġob ħafna mill-partitarji Ġużeppini, beda jinħass il-bżonn ta' erba' gastri tal-fidda bil-fjuretti tal-ganutell għal mal-istatwa l-ġdida, peress li dawk li kien hemm kienu bukketti antiki (li kienu jintramaw mal-




*Waħda mill-4 gastri tal-vara ta' San Ġużepp li żanżnu fis-sena 1937*

istatwa l-antika ta' San Ġużepp) bil-ward magħmul mill-karta. Għalhekk ħadu l-inizjattiva biex jerġgħu jamministraw ix-xogħol tad-disinn lil Carmelo Tonna, biex b'hekk ikun kollox unit u kollox jaqbel u tkun l-istess biċċa xogħol tal-istess artist.

Wara li kien tlesta d-disinn u l-abbozz ta' dawn il-gastri u kien hemm qbil unanimu li għandhom isiru, fis-sena 1936 dawn il-gastri kienu lesti u ġew imħallsa mis-soċi partitarji Ġużeppini. Dawn kienu: Gregory Scicluna, Toni Galea, Tony Zahra, Ġorġ Caruana, Manwell Dalli, Geatan Desira u Ġanni, Vinċenz u Benedittu Borg ilkoll aħwa. Il-kumitat tas-soċjetà Ġużeppina wera x-xewqa tiegħu lill-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Naudi biex għall-festa ta' dik l-istess sena jiġu mżanżna dawn l-erba' gastri. Iżda reġa' nqala' l-istess intopp li kien inqala' minħabba



*Il-vara ta' Santa Marija l-patruna tal-Għaxqin bil-fjuretti l-antiki qabel is-sena 1937*

l-bradella. Ix-xewqa tal-Ġużeppini b'diżappunt kbir ma kinitx milqugħa u r-risposta kienet li ma jistgħux jiġu mżanżna u mwaħħlin mal-bradella tal-istatwa tal-qaddis, għax l-istatwa ta' Santa Marija m'għandhiex gastri sbieħ bħalma saru għal mal-vara ta' San Ġużepp.

Għal din ir-risposta ta' diżappunt li ngħatat minn naħa tal-knisja, il-kumitat tas-Soċjetà Ġużeppina ma setax jibqa' passiv u ma jagħmel xejn. Għalhekk ħass il-bżonn li jkellem lill-kappillan biex jintlaħaq xi forma ta' ftehim u jaraw x'jista' jsir biex tissolva din il-kwistjoni. Wara li saru diversi laqgħat bejn il-kappillan Dun Ġużepp Naudi u l-Kumitat tal-Każin San Ġużepp, il-kappillan ħareġ bir-risposta li hu ma setax jagħmel ġbir ta' donazzjonijiet biex isiru l-gastri għal mal-istatwa ta' Santa Marija, u li ma sab l-ebda benefatturi oħra, jew xi soċjetà oħra biex iħallsu għal dawn il-gastri bħalma ġara fil-każ tal-gastri ta' San Ġużepp.

Għalhekk il-Kumitat ta' San Ġużepp ħareġ bl-inizjattiva biex jieħu l-inkarigu sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn il-gastri ta' Santa Marija. U hekk ġara, għax mill-ewwel instabu l-benefatturi li kienu kollha soċi u partitarji Ġużeppini u li kienu lesti jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż finanzjarji ta' dawn il-gastri tal-Assunta.

Meta l-kumitat tas-Soċjetà San Ġużepp reġa' kellem lill-kappillan Dun Ġużepp Naudi rigward id-deċiżjoni u kellu jaċċetta li jitressaq ir-rikors fil-kurja bil-patt u l-kundizzjoni li l-gastri tal-Patruna jridu jkunu isbaħ minn ta' San Ġużepp. Għal din il-proposta l-Kumitat ta' San Ġużepp ma sab l-ebda oġġezzjoni u mexa bil-għaqal u ħaddem moħħu ta' kif għandhom isiru dawn il-gastri kif fil-fatt ġara.

Wara li sar id-disinn ta' dawn il-gastri, u l-kumitat tas-Soċjetà Ġużeppina urih lill-benefatturi Ġużeppini u lill-kappillan u kien intgħoġob u milqgħuh, inbeda xogħol fuqhom u kienu lesti f'Diċembru tas-sena 1936. F'Jannar tas-sena 1937 kien hemm qbil unanimu bejn is-Soċjetà Ġużeppina u l-kappillan li għandu jsir ir-rikors għall-approvazzjoni minn naħa tal-kurja. Dan ir-rikors sar minn Gregory Scicluna f'isem is-Soċjetà Għaqda Mużikali San Ġużepp u s-soċi u li għaddih lill-kappillan Dun Ġużepp Naudi. Ir-rikors wasal il-kurja fil-11 ta' Jannar 1937 f'isem din l-unika Soċjetà Mużikali sabiex ikun approvat.

Kien nhar il-5 ta' Marzu tas-sena 1937 li nħareġ il-permess minn naħa tal-kurja u ġie awtorizzat sabiex il-kappillan Dun Ġużepp Naudi jaċċetta f'isem il-knisja parrokkjali dawn l-erba gastri tal-fidda irregalati mis-Soċjetà Għaqda Mużikali San Ġużepp u s-soċi San Ġużeppi tal-istess soċjetà għal mal-vara tal-Imqaddsa Verġni Marija, u mħallsa mill-istess Għaqda Mużikali u mill-benefatturi soċi ta' din is-Soċjetà li huma: Gregory Scicluna, Geatan Desira, Manwell Dalli, Ġużeppi Caruana, Vinċenz u Benedittu aħwa Borg. Fl-istess ġurnata nħareġ ukoll il-permess u ġie awtorizzat sabiex il-prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-istess raħal jaċċetta l-erba' gastri għal mal-istatwa ta' San Ġużepp li semmejna iktar 'il quddiem u li kienu lesti fis-sena 1936.

B'hekk issa l-Ġużeppini Għaxqin kienu sodisfatti b'dan il-permess li nħareġ mill-kurja u li ħolma oħra saret realtà. Raw dawn il-gastri f'posthom biex jitgawdew mill-Għaxqin u jsebbħu lil dawn l-akbar żewġ qaddisin li r-raħal kollu kburi bihom.

## Is-Sena 1981-1982

Is-sena 1981 kienet sena partikolari għax kien hemm sitwazzjoni delikata fir-raħal ta' Ħal Għaxaq, peress li kienet ġriet l-aħbar li saru seba' anġli għal fuq il-bradella tal-Assunta bil-permess tal-kappillan ta' dak iż-żmien Karmelo Zammit, iżda mingħajr l-approvazzjoni u l-permess tal-kurja. Għal din l-aħbar il-Kumitat tas-soċjetà Ġużeppina mill-ewwel induna x'kien il-mottiv u l-għala saru dawk l-anġli, u b'hekk kien talab li ssir laqgħa urġenti mal-kappillan, sabiex javżah li l-kumitat tas-Soċjetà San Ġużepp mhux se jaċċetta qatt u għall-ebda raġuni mhu se jagħti permess li l-gastri li hemm mal-vara ta' Santa Marija jitneħħew minn fuq il-bradella. Minħabba d-diżgwid li nqala' mal-kappillan u ma sar l-ebda progress ta' xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet konċernati, il-kumitat ħass il-bżonn li ssir korrispondenza legali permezz tal-avukat tas-soċjetà, mal-vigarju ġenerali tal-kurja tal-Arċisqof rigward din il-problema li nqalgħet. Wara diversi laqgħat u korrispondenzi miż-żewġ naħat u xorta ma kinux waslu għall-ebda ftehim





*Ritratti antiki tal-vari ta' San Ġużepp u Santa Marija armati bil-gastri tal-Ġużeppini li żanżnu fis-sena 1937*

il-festa ta' Santa Marija ta' dik is-sena ma kinitx saret.

It-taħdidiet bejn il-Kurja u s-Soċjetà San Ġużepp komplew sakemm, fis-sena 1982 intlaħaq ftehim u s-Soċjetà San Ġużepp kienet kuntenta bih, biex b'hekk seta' jinħareġ digriet li l-anġli jitwaħħlu fuq il-bradella ta' Santa Marija flimkien mal-erba' gastri tas-Soċjetà San Ġużepp.

F'dan il-ftehim kien hemm miktub ukoll li l-kappillan f'isem il-parroċċa jrid jagħmel insurance policy li tissalvagwardja kull ħsara li tista' ssir lill-gastri, u li f'każ li ssir xi ħsara qabel il-festa ta' Santa Marija u ma jkunux jistgħu jiġu rranġati fl-istess stat kif kienu qabel, l-istatwa ta' Santa Marija toħroġ proċesjonalment mingħajr ebda ornament ieħor fuq il-bradella għall-festa tal-istess sena u dan il-ftehim jibqa' jgħodd għal kull festa oħra.

Fi żmien iktar riċenti, fis-sena 2007, sar rikors magħmul mill-Kappillan Kanonku Dun Mario Said sabiex jinħareġ permess minn naħa tal-kurja u jiġu restawrati l-gastri ta' Santa Marija, u jinbidel il-ganutell tagħhom u jerġa' jsir fuq l-oriġinali mill-ġdid kif kienu qabel u li l-erba' gastri jerġgħu jsibu posthom fil-kantunieri tal-bradella. Il-kumitat tas-soċjetà San Ġużepp ħa ħsieb li jħallas parti mill-ispejjeż għal dan ix-xogħol li sar fuq dawn il-gastri. Ir-restawr ta' dawn il-gastri ġie mżanżan fis-sena 2008.

F'dan ir-rikors inħareġ ukoll il-permess biex l-erba' anġli jitneħħew minn fuq il-bradella ta' Santa Marija u li issa qegħdin esposti fuq il-kanċell tal-artal maġġur biex ikunu f'post prominenti għall-festa tal-Assunta biex min irid ikun jista' jammirahom aħjar.

Fis-sena 2010 il-ganutell tal-gastri ta' mal-vara ta' San Ġużepp kellu jinbidel u jsir ġdid fuq l-oriġinali, peress li fis-sena 2009 saritlu ħsara irreparabbli u ma setgħux jiġu restawrati. L-ispejjeż ta' dawn il-bukketti tħallsu kollha mis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp u xi benefatturi Ġużeppini. Dan ix-xogħol tal-ganutell sar mis-sinjura Doris Mifsud. U la semmejna l-gastri ta' mal-vara ta' San Ġużepp, tajjeb li wieħed jinnota d-disinn li għandhom dawn il-gastri. Disinn li jekk toqgħod tiflih sew tinduna li huwa disinn ta' gastri partikolari mirqum b'sengħa kbira u maħdum b'eżattezza u li ftit tara bħalu, kif insibu fir-rapport li kien sar għall-kurja fi-sena 1937.

Kull Għaxqi għandu għax ikun kburi li madwar il-vari li tant inħobbu u għandna għal qalbna, konna u se nibqgħu ngawdu dawn il-gastri. Tmien gastri li huma opra superjuri u mill-isbaħ għall-knisja tal-Għaxqin kollha u li għal dawn l-aħħar tmenin sena baqgħu jiddominaw fuq il-bradelli biex iwennsu u jsebbħu lil Ġużeppi u lil Marija fil-festi li jsirulhom ta' kull sena. Gastri li għalihom stinkaw u ħadmu Għaxqin bħalna flimkien mas-Soċjetà San Ġużepp biex jaraw li l-vari li aħna ngħożżu b'għożża kbira ma jkun jonqoshom xejn.